

Brussell, 23 ta' Frar 2026
(OR. en)

6475/26

Fajl Interistituzzjonali:
2023/0111 (COD)

CODEC 256
EF 33
ECOFIN 213

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Abbozz ta' REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL li jemenda r-Regolament (UE) Nru 806/2014 fir-rigward ta' miżuri ta' intervent bikri, il-kundizzjonijiet għar-riżoluzzjoni u l-finanzjament ta' azzjoni ta' riżoluzzjoni (l-ewwel qari) - Adozzjoni tal-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari u tad-dikjarazzjoni tar-raġunijiet tal-Kunsill

1. Fit-18 ta' April 2023, il-Kummissjoni ppreżentat lill-Kunsill il-proposta¹ tagħha, ibbażata fuq l-Artikolu 114 TFUE.
2. Il-Bank Ċentrali Ewropew ta l-opinjoni tiegħu fil-5 ta' Lulju 2023².
3. Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew ta l-opinjoni tiegħu fit-13 ta' Lulju 2023³.
4. Il-Parlament Ewropew adotta l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari fl-24 ta' April 2024⁴.

¹ 8499/23 + ADD 1 sa 3.

² 11577/23.

³ 15142/25.

⁴ 10673/24.

5. Fil-5 ta' Novembru 2025, il-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji (ECON) tal-Parlament Ewropew ikkonferma l-qbil proviżorju li ntlaħaq mill-koleġislaturi dwar ir-Regolament imsemmi hawn fuq, wara li kienu saru kuntatti informali bejn il-Kunsill u l-Parlament Ewropew. Sussegwentement, il-President tiegħu bagħat ittra lill-President tal-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti li fiha ddikjara li l-Parlament Ewropew, fit-tieni qari tiegħu, għandu japprova l-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari (wara reviżjoni mill-ġuristi lingwisti) mingħajr emendi⁵.
6. Fit-12 ta' Novembru 2025, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti kkonferma l-qbil proviżorju⁶.
7. Il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti għalhekk huwa mitlub jissuġġerixxi li l-Kunsill jadotta l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari, kif tinsab fid-dokument 15389/25, u d-dikjarazzjoni tar-raġunijiet, kif tinsab fid-dokument 15389/25 ADD 1, bħala punt "A" f'laqgħa li jmiss, bl-astensjoni tal-Estonja.

⁵ 15146/25.

⁶ 15011/25 ADD2.